# Li Kieku Konna f’Dinja Virtwali

*Minkejja li t-tieqa virtwali, il-mejtin reali.*
*Khaled Soliman Al Nassiry*

## 1 - Għaddiet il-gwerra

Għaddiet il-gwerra. Imma l-bombi f’moħħi għandhom neżlin.

**Li kieku konna f’dinja virtwali**
**Kieku kont innaddaf it-tieqa faċċata ta’ darek b’gazzetta elettronika**
**U l-warda tal-plastik li qegħedt fuq il-qabar ta’ hija kieku kibret.**

Għaddiet il-gwerra, u l-ħbieb li marru sas-suq ħa jixtru mewta friska nqatlu mat-triq.

**Li kieku konna f’dinja virtwali**
**Kieku kont nirriċikla lil ħbiebi**
**Għax għandi bżonn ħbieb ġa użati.**

Għaddiet il-gwerra, u l-mejtin marru lura għand familthom qawwijin u sħaħ, il-martri marru lura għand ommijiethom biċċa waħda, l-ommijiet marru lura lejn id-djar tagħhom, id-djar, it-toroq, il-moskej, l-għajnejn, is-saqajn marru lura għal li kienu, is-swaba’ marru lura għand l-idejn, iċ-ċrieket għas-swaba’, l-iskejjel għat-tfal, il-ħbula tal-inxir għall-gallarija, il-maħbubin għall-bjut, ħija mar lura għand ommi, u jien mort lura Damasku.

**Li kieku konna f'dinja virtwali**
**Kieku kont ninsa niftakar fil-gwerra**
**U ftakart biex ninsieha, bħalma l-mejtin jinsew il-fattizzi tal-ġeneral**
**U l-martri jiftakru triqithom id-dar.**

Għaddiet il-gwerra, u dawk kollha li naf mejtin, jew kriminali tal-gwerra, jew krimali tal-gwerra mejtin.

**Li kieku konna f'dinja virtwali**
**Kieku kont nifti l-gwerra bħalm'int titfi televixin**
**Imma twelidna f'dil-qaħba dinja**
**U meta n-nies jitwieldu f'dil-qaħba dinja**
**Il-ħin jinbidel f'tastiera**
**U l-mejtin isiru poeżija.**

**Nota komika:**
Il-ġenju ta' Dante jinsab fid-deskrizzjoni tiegħu tal-Limbu, aħseb ftit fuqha, u immedjatament tintebaħ li qed ngħixu fl-ewwel ċirku tal-infern.

(Cut)

*   *   *

**2 - Gwerra**

Ippruvajt nittraduċilek il-gwerra minn ilsien Semitiku għal ilsien Indo-Ewropew, u inti ntlaqatt bi xrapnel. Ippruvajt niġi ngħinek u ġejna assedjati bil-bulettini tal-aħbarijiet. Tal-Kunsill tas-Sigurtà pprovaw jibgħatulna armi intelliġenti, u l-irġiel għassa t'intelliġenza medja kkonfiskawhom, insultajna 'l tas-Salib l-Aħmar u tal-Vatikan oġġezzjonaw, kilna laħam il-klieb li sidienhom inqatlu u l-ambjentalisti oġġezzjonaw, ġejna salvati mill-għarqa u l-Leministi Ewropej oġġezzjonaw .

Kif naqbad nispjegalek kemm din id-dinja tixbah it-taħbit tal-idejn magħluba fuq il-ħitan dobbli tal-kmamar tal-gass fil-kampijiet ta' konċentrament, mingħajr ma taqbdek PTSD? Kif naqbad nispjega d-differenza bejn s-skjavi tad-djar u s-skjavi tal-għelieqi, mingħajr ma nġiegħlek tfixkel is-Sirja mas-surrealiżmu? Kif nista' ngħid fl-istess poeżija sħabi kienu ttorturati għall-mewt u inti isbaħ minn New York, mingħajr ma Lorca jidħaq f'qabru jew il-poeżija tinqata' mir-realtà?

**Nota traġika:**
Il-problema f'did-dinja mhix li kwart tal-abitanti jmorru l-kliniċi psikjatriċi, il-problema hi li l-bqija ma jmorrux.

(Cut)

*    *    *

**3 - Ċess**

Meta għadda r-riħ, ma setax isib is-siġra u l-mannara kienet qed tħares lejja, waqt li jien tfixkilt fil-kliem, kalm daqs meta jieqaf l-isparar, imweħħel fil-pjaneta l-kaħla f'subborg 'l bogħod mit-Triq ta' Sant'Anna. Rajt għażżiela tibla' lupu, bid-demm iċarċar ma' snienha, rajt nisa ħawlija jreddgħu feti li twieldu mejtin, rajt dubbien elettroniku jisponta minn Twitter u jittajjar fuq il-katavri ta' sħabi, rajt pajjiż riekeb fuq dgħajsa tas-sajd, u raġel jiekol il-laħam ta' ħuh mejjet, mhux metaforikament bħal m'hemm fil-Quran, imma jiekol laħam ħuh maqtul waqt attakk tal-bombi, biex ma jmutx bil-ġuħ. Għadda r-riħ u ma sabx is-siġra, jew il-belt, jew il-pajjiż. Il-klieb ma newħux, il-karavan ma mexiex 'il quddiem. Marti l-armla tħares lejja, u l-gwerra nadifa daqs logħba ċess. Btieti taż-żejt jogħlew fil-prezz u btieti ta' bombi tat-TNT jaqgħu fuq l-ibliet, l-ajruplani jilagħqu l-kotba tal-iskola u jerdgħu s-swaba' tat-tfal, waqt li jien sieket daqs ċittadin Ewropew li jgawdi l-privileġġi tal-ewwel dinja u jistaqsi bl-innoċenza ta' lupu domestikat, liema l-eħrex: ix-xitwa Żvediża jew r-rebbiegħa Għarbija?

**Nota assurda:**
Skont in-New York Times: il-ħalib abjad, skont Paul Celan: il-ħalib iswed, skont ommi: lanqas biss hemm ħalib!

(Cut)

*        *        *

**4 - Metafora minn dinja virtwali**

Dante kellu raġun. Dil-kummiedja li qed ngħixu fiha divina, jew biex inkun għedt kollox, ejja ngħidu li tal-inqas 97% divina, mill-bqija kif tispjega l-fatt li kulm'hawn madwarna jixbah lil metafora mid-dinja virtwali!
Il-fjuri jkollhom x'jaqsmu ma' xulxin permezz taż-żnanżan!
Adolf Hitlef kien veġetarjan!
Kemm aħna kuntenti għax l-Amerka ma telqitx il-bomba atomika fuq Tokyo!
Il-fidili tad-dittatur jipprotestaw biex jinqatgħu l-protesti!
Inħobbok!
Alla jbigħ artijiet mimlija ħalib u għasel!
Il-Fillandja l-iktar pajjiż ferħan fid-dinja skont ir-Rapport tal-Ferħ Dinji!
Is-salib li tilbes m'għonqok mhu xejn għajr strument tat-tortura Ruman!

**Nota traġikomika:**
Ġaladarba fl-aħħar kulħadd se jmut, ir-rata ta' mwiet fis-Sirja u l-Iżvezja l-istess.

(Cut)

*        *        *

Ghayath Almadhoun
Translation: Leanne Ellul